**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Maġ. Jur. (Int. Law)**

Seduta: Distrett Mosta

**Illum**, 5 ta' Mejju, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paula Ciantar)**
**vs**
**Derek Vassallo detentur tal-karta tal-identita` nru. I.D. 263380M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Derek Vassallo u ċioe` talli:

> F'dawn il-gżejjer u ċjoè nhar is-27 ta' Mejju, 2020, għall-ġabta tad-9:00hrs ġewwa l-fond bin-numru 78, Timesquare, 3rd Avenue P/H 131, Triq il-Kultellazz, Mosta:
>
> Ħebb għall-persuna ta' Jake Micallef u kkaġunalu feriti ta' natrua ħafifa skont ma' ċċertifika Dr. Spencer M.D. Reg. No. 6147 miċ-ċentru tas-saħħa tal-Mosta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

L-imputazzjoni tirrigwarda incident li sehh fid-dar tal-imputat fil-presenza t'omm il-parte leza. Ghalkemm xehed ukoll missier il-parte leza, Jake Micallef, li ddeskriva kif ibnu nizel jibki w qallu li kien safa' msawwat minn Vassallo, hu ma kienx prezenti ghall-incident ghalkemm ha lill-ibnu l-Floriana Health Centre fejn instab li ibnu kellu *"Mild area of erthema (2cm X 1cm) over R lattisimus dorsi inferior to axilla"*.[1]

Fil-**Current Incident Report** jintqal kif meta sid id-dar, l-imputat Vassallo, beda jkellem lil Jake Micallef, persuna li ma kinietx tirrisjedi f'dar l-imputat, "*Hu ftit li xejn ta kas ta dak li qed jghid u baqa diehel gol-kcina*"[2].

Bla dubbju din turi attitudini menefregista ta' Jake li, anke *ictu oculi*, mir-rapport tal-kwerelanti innifsu, kellu jigi imputat bir-reat kontravvenzjonali ravvizat bl-artikolu 340(d) tal-Kodici Kriminali. Attitudini li tidher anke fil-Qorti meta ghad-domanda dwar min hu l-imputat, li wara dahal gewwa daru, jirrispondi ***"Mhuwa ħadd"*** u lejn tmiem ix-xhieda tieghu *"Le, jiena ħallejtu jgħid, paroli fil-vojt kienet għalija, jiġifieri* ***mhu ħadd għalija****, partner ta' ommi biss."*.

Mix-xhieda ta' Jake Micallef stess jirrizulta ferm ovvju li kien *"an unwanted guest"*, li stieden ruhu b'idejh f'dar li ma ghandu l-ebda dritt jidhol fiha jekk mhux mistieden gewwa. Ghalkemm missier Jake, Gabriel Micallef, jghid li ibnu ried ikellem l-ommu, il-fatti juru mod iehor tant li, kif jixhed Jake stess, mhux l-ommu ried ikellem izda biss jiehu xi affarijiet tant li kif jinghad fir-rapport fuq imsemmi baqa' diehel gol-kcina minghajr ma jsir accenn ghall-fatt li ried ikellem l-ommu. Anke tul ix-xhieda tieghu, ma rrizultax dwar x'hiex ried ikellimha w ghaliex ghazel li jkellimha wicc imb'wicc propju dakinhar. Dan l-estratt jikkonferma kemm ma keinx minnu li Jake ried ikellem l-ommu w ghalhekk kif il-kreddibilita` tieghu hi gja vizzjata:

*"Ix-xhud: Hu u ommi kienu qegħdin ħdejn xulxin, hu kien qiegħed hawnhekk, ommi kienet qiegħda hawnhekk, flimkien kienu qegħdin jagħlqu l-kuritur milli nidħol.*
*Il-Qorti: U għaliex ma ridukx tidħol jekk int biex tara lil ommok?*
*Ix-xhud: Derek kien qalli x'irrid nagħmel hemm ġew, jiena għidtlu biex nieħu l-affarijiet tiegħi,*
*Parte Civile: X'kienu dawn l-affarijiet?*
*Ix-xhud: Kelli ħafna affarijiet, kelli xi flus, controllers,*
*Parte Civile: controllers ta' xhiex?*
*Ix-xhud: PlayStation, u kelli xi affarijiet, pendrives, affarijiet tal-iskola ukoll.*
*Parte Civile: U x'ġara?*
*Ix-xhud: Hu beda jgħidli biex nieħu dawn l-affarijiet irrid nibni relazzjoni ma' ommi.*

---

[1] **Dok.JM**
[2] Fol.8

*Parte Civile: Hu qallek li biex tieħu dawn l-affarijiet –*
*Ix-xhud: irrid nibni relazzjoni ma' ommi.".*

Dan juri li lanqas ommu ma rieditu god-dar ***"flimkien kienu qegħdin jagħlqu l-kuritur milli nidħol.";*** cirkostanza li timmina l-kaz tal-prosekuzzjoni w li tigi kkonfermata mix-xhieda ta' omm Jake in kwantu it-tezi tal-prosekuzzjoni hi li ommu hallietu jidhol liberament, jew kif jixhed Jake, [she]*"let him be"* – gidba ohra!

**Gayle Micallef** tikkonferma li wara li Jake hebb ghaliha xhur qabel, hi ma rieditux d-dar u ma kienitx tiftahlu. Dakinhar li sehh l-incident in dezamina fethet lit-tifel iz-zghir bl-*intercom* u <u>ma kienitx taf</u> li kien hemm Jake mieghu. Tispjega ***"Jien ma ħallejtux jidħol, bdejt ngħidlu, "Jake tidħolx, Jake tidħolx."*** *U dak il-ħin Derek semgħani mill-bedroom u ħareġ jiġri biex jara x'inhi l-kommozzjoni. Wara li daħal, iva, tlabtu jinża' ż-żarbun għax aħna ma nilbsux żraben ġewwa ….* ***jiena ridtu jitlaq 'il barra, imma la baqa' jinsisti li ma joħroġx…..*** *Sadanittant ħareġ Derek u laħaq lil Jake fil-biċċa fejn għandna l-kċina u l- kuritur, Jake baqa' jinsisti li jrid jidħol fil-bedroom tiegħu biex iġib l-affarijiet tiegħu li m'huma tiegħu xejn, but anyway. <u>Derek beda b'idejh miftuħin jimpedilu milli jidħol</u>, <u>Jake beda jitbaxxa biex jipprova jidħol u jiżgiċċa minn naħa l-oħra</u>, Derek prova jkellmu bil-kelma t-tajba li it is not the way to do it, so on and so forth, this happened in mere minutes".*

Tichad li f'xi hin l-imputat refa' idu fuq ibnu:

*"Ix-xhud: Le,* ***fl-ebda ħin ma rajt lil Derek imissu****; kulma beda jagħmel iżomm idejh miftuħin hekk u jimxi pass 'il quddiem u Jake beda jimxi bil-passaġġ 'il quddiem.*
*Il-Qorti: Hawnhekk smajna kaxkru fuq il-bank tal-kċina.*
*Ix-xhud:* ***It is not true. I was there, I was present and that did not happen. Dan ibni, jien mhux ħa nixhed kontrih. Jien qed nixhed il-verità…..***
*Ix-xhud: Le, that did not happen, no, I can assure you li jiena kont hemmhekk, I was centimetres away from Derek u Derek fl-ebda ħin ma –*
*Il-Qorti: Huma t-tnejn li huma baqgħu in your line of vision, Sinjura? Qiegħda bil- ġurament int!*
*Ix-xhud: Iva!*
*Il-Qorti: Xi ħadd se jeħel il-ħabs fuqha jista' din ix-xhieda. Ara jekk hux int jew ibnek.*
*Ix-xhud:* ***Jiena hemmhekk kont preżenti, aħna open plan għandna, m'hemmx ħitan, m'hemm xejn****……*
*Il-Qorti: U din qed tgħid he was always in your line of vision.*
*Ix-xhud:* ***Iva, m'għandnix ħitan fil-kamra, it is an open plan*** *–*
*Il-Qorti: u teskludi li xi mod qabdu minn spallejh jew messu.*
*Ix-xhud:* ***Żgur li le."***

**Derek Vassallo** jispjega kif waqt li kien ghadu fil-kamra tas-sodda sema' lil Gayle tghajjat *""Tidħolx! Tidħolx! Tidħolx! Tidħolx!" Ovvjament "Tidħolx!" x'ton panikuż, tirt mis- sodda,….. Rajt lil Jake u lil ommu ħdejn il-kċina, għaliex il-kuritur huwa parti mill-kċina, u jiena mill-ewwel minn nofs il-kuritur għidtlu biex ma jidħolx, biex jieqaf hemmhekk, għidtlu, "ieqaf hemmhekk, tidħolx!"…. Beda jitmasħan u beda jinnervja, jinnervja ruħu u beda jagħti s-salt. Xħin beda jagħti s-salt, xħin immur lura jien nimxi żewġ passi 'l quddiem u żammejna qisu distanza ftit minn xulxin. Allura d-distanza bejn il-kċina u l-bieb ta' barra huma żewġ metri maximum għandi, u fi tlett passi wasalna ħdejn il-bieb ta' barra. Malli wasalna ħdejn il-bieb ta' barra, ftit qabel, bagħtni għand ommi u għand missieri, niżel mal-art biex jipprova jgħaddi minn mal-art, għax hemm il-banketti allura bilfors jekk ma jgħaddi minn naħa jew minn oħra, irid jgħaddi minn taħt idejja biex nieftehmu, jiena hemmhekk xħin rajtu qed jitmasħan, għidtlu, "aqbeż 'il barra!" ftaħt il-bieb u ħareġ.".* L-imputat jichad li mess lil Jake jew sahansitra li laqqtu jew li pprova jzommu!

Ikkunsidrati l-provi, il-Qorti ma temminx li l-imputat, konxxju li Jake kien irrabjat u baqa' jaghti salt wara l-iehor biex jghaddi meta huma ma rieduhx jidhol filwaqt li kien konsapevoli li kien hebb ghall-ommu fil-passat, lanqas biss ma pprova jimbuttah lura minghajr ma ghamel kuntatt mieghu anke jekk biex jzommu milli jkompli jidhol go dik li wara kollox kienet daru.

Il-qorti rat ir-ritratt tal-kcina li esebixxa l-imputat li juri tlett xkaffi tal-aluminium propju vicin il-bieb ta' barra kif xehed Jake.

*"Ix-xhud: Hu kien kaxkarni mal-bank sħiħ u ħabbattli naqra rasi ma' xkaffa tal-aluminium.*
*Parte Civile: L-ixkaffa tal-aluminium qiegħda fejn?*
*Ix-xhud: <u>Ħdejn il-bieb tad-dar</u>.*
*Parte Civile: Ħdejn il-bieb ta' barra?*
*Ix-xhud: Iva.*
*Parte Civile: Jiġifieri hu mill-kuritur kaxkrek –*
*Ix-xhud: trid tifhem naqra l-layout kif qiegħda, jiġifieri –*
*Parte Civile: Kuritur u kċina ħdejn xulxin,*
*Ix-xhud: prattikament.*
*Parte Civile: U minn ġol-kċina mal-bank mal-<u>ixkaffa fejn il-bieb ta' barra</u>.*
*Ix-xhud: <u>Iva</u>."*

Ghaliex l-imputat jipprova jitfa l-attenzjoni tal-Qorti fuq *hanging cupboard* li qieghed ferm aktar il-gewwa meta <u>Gayle Micallef stess tixhed li baqghu hdejn il-bieb fejn hemm il-*kitchen/living area*</u>?? Hu ferm inkwetanti w xhieda ta' kif il-moralita` ddegenerat kif persuna minghajr ebda ezitazzjoni tasal tiehu gurament falz. Dan kaz fejn kull persuna li xehdet, minkejja li hadet gurament

li tghid is-sewwa u xejn anqas mis-sewwa, qalet biss dak li jaqbel lilha u xejn anqas minn dak li jaqbel lilha.

Filwaqt li missier Jake jixhed li ibnu nizel jibki mid-dar tal-imputat *"kif niżel daħal jibki, irrabjat, għax Derek qabad itih."*, la ibnu ma jsemmi dan il-fatt u lanqas ma jidher li dan issemma meta sar ir-rapport seba sighat wara. Daqstant iehor meta jixhed Jake jonqos milli jsemmi dan:

*"Imbagħad telaqni, jiena qbadt iż-żarbun kien qiegħed ħdejn il-bieb ta' barra fejn ħallejtu xħin dħalt ġod-dar, hu fetaħli l-bieb, jiena ħriġt 'il barra rrabjat, inżilt sular, għafast il-buttuna tal-lift tat-tielet sular, inżilt isfel għall- groundfloor, ħriġt minn ġol-bieb ta' barra ta' hemmhekk u dħalt ġol-karozza ma' missieri."*

Kif gja` sar accenn aktar il-fuq difficilment jigi emnut Jake li ommu, wara li kienet ilha ma tara lill-binha minn Awissu 2019 - meta l-affarijiet spiccaw ferm hazin bejniethom - she *"let him be"* u hallietu jidhol qisu xejn mhu xejn! Ghalkemm jipprova jikkonvinci lill-Qorti li hekk gara`, ix-xhud tahrablu kelma li biha juri li lanqas ommu ma rieditu jidhol u fil-**fatt waqqfitu milli jkompli javvanza l-gewwa**:

| | |
|---|---|
| *"Ix-xhud:* | *Ma qaltli xejn, ħallietni let me be prattikament.* |
| *Difiża:* | *Erġa' għidli.* |
| *Il-Qorti:* | *She let you be.* |
| *Difiża:* | *She let you be?* |
| *Ix-xhud:* | *Iva.* |
| *Il-Qorti:* | *She let him be.* |
| *Difiża:* | *Ok. Allura nassumi resqitlek?* |
| *Ix-xhud:* | *Iva.* |
| *Difiża:* | *Bqajt dieħel?* |
| *Ix-xhud:* | *Iva, ġol-kuritur u* ***waqqfitni hemmhekk fejn waqqafni Derek*** *xħin ġie jiġri minn ġol-kamra tas-sodda tiegħu.".* |

Finalment ma jistax ma jigix sottolinejat li l-griehi kif rapportati fuq ic-certifikat mediku li baqa' ma giex awtentikat mit-tabib firmatarju, mhux kompatibbli mal-azzjonijiet tal-imputat kif deskritt minn Jake Micallef. It-tisbita li suppost hadet rasu mal-ixkaffa ma tidher imkien, kif ukoll tkaxkir tul il-bank tal-kcina kellhom ihallu aktar sinjali evidenzjarji minn semplici dabbra taht l-*arm pit*. Jinghad ukoll li ritratt ta' din id-dabbra ma jidhirx li ttiehed u ghalhekk dawn l-atti huma neqsin mid-debita prova fir-rigward.

Ghal dawn il-mottivi w senjatament tenut kont tal-fatt li x-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni ma jgawdux mill-affidabilita` rikjesta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni migjuba kontrih.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Magistrat**